**ĊIRKULARI**

**Data:** 3 ta' Mejju 2023 **Ref:** DLAP 103/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Network tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Medji tal-Istat u Kapijiet ta' Entitajiet.

**Mingħand:** George Mifsud, Doreen Coleiro, Carlston Grima u Stephan Borg, L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett**: Linji Gwida għall-Eżami Annwali tal-Orali fil-Malti, Ġunju 2023

---

Il-Kapijiet tal-iskejjel medji tal-istat huma mitluba biex, jekk jogħġobhom, jgħaddu din l-informazzjoni lill-għalliema tal-Malti u lill-membri tat-tmexxija tal-iskola li jieħdu ħsieb l-eżamijiet annwali fl-iskola tagħhom.

**LINJI GWIDA GĦALL-EŻAMI ORALI TAL-MALTI FIL-MEDJA 2023**

**A. L-eżami orali tal-Malti se jkun fih:**

1. qari ta' sentenzi/paragrafu/i li jagħżel l-eżaminatur minn test fattwali jew letterarju ta' bejn 150-200 kelma. (5 marki);
2. diskussjoni testwali minn mistoqsijiet miftuħa (bejn 3 u 5 b'kollox) marbuta mat-test moqri fejn l-istudenti jintalbu jesprimu l-fehmiet tagħhom u joffru alternattivi oħra għal dak miktub fit-test. (5 marki);
3. diskussjoni fuq tema/argument mogħtija li tista' tkun fil-forma ta' *jew* żewġ titli biex jingħażel wieħed *inkella* żewġ stampi biex tingħażel waħda. (5 marki).

**B. Il-proċedura kif jiġi amministrat l-orali.**

1. L-eżami jieħu b'kollox 8-10 minuti, imma qabel jeħtieġ ikun hemm 8-10 minuti oħra bħala ħin ta' tħejjija.
2. Qabel l-eżami, l-istudenti **jingħataw (mhux jagħżlu)** karta waħda minn tnejn u wara jmorru f'post kwiet biex jippreparaw ruħhom skont l-istruzzjonijiet li jkun hemm fuq il-karta tal-eżami.
3. **L-istudenti għandhom jingħataw karta żgħira oħra biex fuqha jniżżlu xi noti li jgħinuhom fit-taħdita waqt l-eżami.**
4. L-istudenti jingħataw bejn 8-10 minuti biex jippreparaw il-qari u t-taħdita.
5. Studenti li jkollhom diffikultajiet fil-qari jista' jkollhom magħhom LSE biex tgħinhom jew taqralhom it-test u l-mistoqsijiet, skont il-każ xi jkun. Din tidħol tassisti wkoll waqt l-eżami

nnifsu. Fejn l-għalliema jħossu l-bżonn, fil-kummenti meta jirrappuratw il-marka għall-ġenituri, jistgħu jniżżlu rimarka li l-eżami '*sar bl-għajnuna*'.

6. F'każ ta' studenti li jkollhom diffikultajiet fil-qari, hija fid-diskrezzjoni tal-eżaminatur kemm jaqra fit-tul l-istudent. Fil-każ ta' studenti li ma jridux jaqraw jew ma jafu jaqraw xejn, ma jingħatawx marki għal din il-parti tal-eżami.
7. Xejn m'għandu jinkiteb fuq il-karta tal-eżami tal-istudent.
8. Meta jissejħu quddiem l-eżaminatur, l-istudenti jintalbu jaqraw xi sentenzi/jew paragrafu sħiħ mill-għalliem biex tiġi assessjata l-ħila tagħhom fil-qari mgħajjat skont il-kriterji mogħtija.
9. L-eżaminatur jistaqsi l-mistoqsijiet miftuħa fuq it-test moqri u jidħol f'diskussjoni mal-istudent. Importanti li t-tweġibiet li jingħataw fl-iskema tal-marki jservu bħala spunti għall-qsim tal-ideat u l-fehmiet. L-eżaminatur għandu jaċċetta punti di vista differenti sakemm l-istudent ikun qed jargumenta tajjeb u bis-sens.
10. It-taħdita wkoll għandha tkun marbuta mat-tema tal-qari b'mod ġenerali u għandha tkompli tespandi fuq dak li jkun intqal/inqara. L-istudent jista' jirreferi għall-qari tat-test fil-karta biex isaħħaħ l-argumenti tiegħu. L-eżaminatur se jkun ipprovdut bi spunti biex jgħin lill-istudenti meta jieqfu jew jinxfu mill-ideat.

**Noti oħra importanti**

1. Kull karta tal-orali se tkun iggradata u tintuża għat-3 rotot.
2. Kull sena se jkollha 4 karti tal-eżami orali differenti biex jintużaw tnejn kull jum f'każ li xi skejjel jaqsmu l-orali fuq jumejn.
3. Il-Kapijiet tad-Dipartiment se jindikaw liema karti jinħarġu fl-ewwel jum u liema jinħarġu fit-tieni jum. Dan biex inħarsu l-validità tal-eżami.
4. It-testi użati se jkunu fattwali jew fittizzji. Is-sett ta' żewġ karti li se jkun qed jintuża flimkien għandhom ikunu tal-istess natura, jiġifieri tnejn b'testi tal-qari fittizji jinħarġu flimkien u t-tnejn b'dak fattwali jintużaw flimkien.
5. It-testi magħżula għall-qari u d-diskussjoni se jkollhom temi li jolqtu l-interessi tal-istudenti filwaqt li jkunu sensittivi għall-ambjent u l-klassi multikulturali li nsibu fl-iskejjel.
6. It-test għall-qari se jinqasam f'paragrafi ta' qisien differenti biex l-eżaminatur ikun jista' jagħżel il-paragrafu tal-qari mgħajjat skont il-ħiliet tal-istudent li jkollu quddiemu, speċjalment meta dan ikollu xi diffikultajiet fil-qari.
7. Il-mistoqsijiet fuq it-test se jkunu miftuħa kemm jista' jkun u ma jeħtiġux tweġiba diretta misjuba mit-test. Importanti li l-eżaminaturi jżommu f'moħħhom li dan l-eżami mhuwiex taħriġ il-fehem orali, imma l-mistoqsijiet għandhom iservu ta' spunt għat-taħdit fuq silta.

8. Mistoqsijiet se jkun hemm minn 3 sa 5 filwaqt li se jkun hemm it-tweġibiet f'forma ta' punti biex jgħinu lill-eżaminaturi jiggwidaw lill-istudenti jiftħu l-argument.
9. It-taħdita tista' tkun fuq żewġ titli jew żewġ stampi mogħtija, li jistgħu jinkludu cartoons jew karikaturi li jinftiehmu u jappellaw għall-maturità tal-istudenti.
10. Se jkunu pprovduti l-iskema tal-marki u dokument għaż-żamma tal-marki tal-istudenti.

L-għalliema u l-amministraturi tal-eżamijiet li jixtiequ jiċċaraw jew jiddiskutu xi punti minn dawn il-linji gwida, jistgħu jkellmu lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti li jieħu ħsieb il-Kulleġġ tagħhom.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Is-Sa Sandra Ebejer**

**Id-Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi tat-Tagħlim u l-Assessjar**